

### Talbiet

1. tannulla s-sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea, mogħtija fil-5 ta' April 2017 fil-Kawża T-361/14, HB et vs Il-Kummissjoni, li tiċħad ir-rikors bħala infondat u tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż, u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ĝeneralni sabiex tinżamm seduta ġdida għas-sottomissjonijiet orali;
- skont il-każ;
2. jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li hija informata biżżejjed f'dan ir-rigward, tiddeċiedi hija stess dwar il-mertu u tikkonferma li l-interazzjoni psikoloġika bejn il-bniedem u l-annimal hija kwistjoni li taqa' taħt il-kompetenza tal-Unjoni;
3. f'kull każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Aggravji u argumenti prinċipali

**L-ewwel aggravju:** Difett proċedurali li jikkonsisti fi ksur tad-dritt għal smiġħ, sa fejn:

- l-avukat li jirrappreżenta lir-rikorrenti u l-imħallfin ġew preklużi milli jikkonsultaw dak li l-ewwel rikorrenti kienet ippreżentat ruħha fil-ħin għas-seduta għas-sottomissjonijiet orali li nżammet fis-27 ta' Settembru 2016, peress li impiegata tal-Qorti Ĝeneralni kienet ipprojbx-xiet id-dħul lit-tifla minuri tagħha, minħabba li l-persuna li kellha tieħu ħsiebha kienet waslet tard, li konsegwentement id-dħul ġie rrifusat lir-rikorrenti u, kuntrarjament għad-dikjarazzjonijiet ta' din l-impiegata, l-informazzjoni dwar il-preżenza tagħha la ġiet ikkomunikata lill-imħallfin u lanqas lir-rappreżentant tar-rikorrenti;
- bl-istess mod, ir-rikorrenti l-oħra ma ġewx informati li kellhom jiġu identifikati attivament fis-sala tas-seduta, għal finiġiet ta' preżenza, sa fejn effettivament huma kienu waslu qabel ma bdiet is-seduta, iżda wara l-ħin indikat fil-konvokazzjoni,

li pprekluda s-smiġħ tar-rikorrenti, bħala xhieda, mitlub bil-miktub, u dan, skont l-appellanti, wassal neċċessarjament għal evalwazzjoni ġuridika żbaljata, jiġifieri l-konstatazzjoni li r-rikors kien infondat;

**It-tieni aggravju:** difett proċedurali li jikkonsisti fl-evalwazzjoni tas-saħħa probatorja ta' prova qabel ma ġiet awtorizzata l-produzzjoni tagħha, sa fejn:

- il-provi kollha li l-produzzjoni tagħhom kienet ġiet offruta ġew miċħuda mingħajr motivazzjoni u bi żball
- ukoll speċjalment f'dak li jikkonċerna problemi interdixxiplinari, espożizzjoni mill-esperti ma ġietx awtorizzata;
- ebda mistoqsija ma saret lill-partijiet, kemm jekk bil-miktub jew oralment,

li, skont l-appellanti, wassal neċċessarjament għal evalwazzjoni ġuridika żbaljata, jiġifieri l-konstatazzjoni li r-rikors kien infondat.

**It-tielet aggravju:** fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi l-etika bħala li hija f'kull każ kwistjoni b'rabbta mad-drittijiet tal-bniedem u rekwiżit importanti ta' integrazzjoni, huwa possibbli li tittieħed id-deċiżjoni dwar il-mertu fid-dawl tal-proċess.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Köln (il-Ġermanja) fis-7 ta' Ġunju 2017 –  
Verein für lauterer Wettbewerb e.V. vs Princesport GmbH**

(Kawża C-339/17)

(2017/C 283/32)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Qorti tar-rinviju

Landgericht Köln

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Verein für lauterer Wettbewerb e.V.

Konvenuta: Princesport GmbH

### **Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 1007/2011 (<sup>1</sup>) għandu jiġi interpretat fis-sens li għandu neċċessarjament jiġi kkjarifikat li l-prodott tat-tessut pur huwa eskużiżiav kompost mill-istess fibra?
- 2) L-użu ta' wieħed mit-tliet termini msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1007/2011, jiġifieri "100 %", "pur" jew "kollu", huwa neċċessarju jew huwa semplicelement għażla u mhux obbligu, għal tali prodotti?
- 3) L-obbligu taħt l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1007/2011, li prodotti tat-tessut jiġu ttikkettjati jew immarkati bl-isem u bil-perċentwali tal-piżżeż tal-fibri kostitwenti kollha japplika wkoll għal prodotti tat-tessut puri li jaqgħu taħt l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1007/2011?

(<sup>1</sup>) Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Settembru 2011, dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessut u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE u d-Direttivi 96/73/KE u 2008/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 272, p. 1).

---

**Appell ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2017 minn Equipolymers Srl, M&G Polimeri Italia SpA, Novapet SA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (L-Ewwel Awla) fil-5 ta' April 2017 fil-Kawża T-422/13, Committee of Polyethylene Terephthalate (PET) Manufacturers in Europe (CPME) et vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-363/17 P)**

**(2017/C 283/33)**

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### **Partijiet**

**Appellant:** Equipolymers Srl, M&G Polimeri Italia SpA, Novapet SA (rappreżentanti: L. Ruessmann, avukat, J. Beck, Solicitor)

**Partijiet oħra fil-proċedura:** Committee of Polyethylene Terephthalate (PET) Manufacturers in Europe (CPME), Cepsa Química SA, Índorama Ventures Poland sp. z o.o., Lotte Chemical UK Ltd, Ottana Polimeri Srl, UAB Indorama Polymers Europe, UAB Neo Group, UAB Orion Global pet, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea

### **Talbiet**

- tiddikjara l-appell ammissibbli u fondat;
- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġeneral sa fejn tiċħad it-talba għad-danni;
- tiddeċċiedi fuq il-mertu tat-talba għad-danni u tordna l-ħlas tad-danni, jew tirrinvija l-każ lura quddiem il-Qorti Ġenerali għal deċiżjoni fuq il-mertu tat-talba għad-danni; u
- tordna lill-Kunsill ibati l-ispejjeż tal-appellant.